



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0309/2021**

2.6.2021

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-ilhug tal-isfida globali COVID-19: l-effetti tad-deroga tal-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini kontra l-COVID-19, it-trattament, it-tagħmir u ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni u l-manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2021/2692(RSP))

**Sven Simon, Christophe Hansen, Peter Liese, Christian Ehler, Angelika Niebler, Tomas Tobé**  
fisem il-Grupp PPE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-ilħuq tal-isfida globali COVID-19: l-effetti tad-deroga tal-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini kontra l-COVID-19, it-trattament, it-tagħmir u ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni u l-manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2021/2692(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- 1. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-iżvilupp tal-pandemija, b'mod partikolari fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju fejn il-kampanja ta' tilqim qed tipproċedi biss bil-mod; jenfasizza li l-għajnuna lil dawg il-pajjiżi biex ilaqqu lir-residenti tagħhom mhijiex biss imperattiv morali, iżda hija wkoll fl-interess tagħna stess minħabba li l-emerġenza ta' mutazzjonijiet tista' ddgħajjef is-suċċess tagħna fil-ġlieda kontra l-pandemija; jenfasizza bil-qawwa li l-pandemija tal-COVID-19 għadha ma ntemmitx u li għandna bżonn nibqgħu viġilanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' razez mutant; jirrikonoxxi li dan jista' jirrikjedi l-iżvilupp ta' vaċċini adattati għall-mutazzjonijiet u għalhekk jirrikonoxxi l-importanza li jinżammu inċentivi għar-riċerka dwar il-vaċċini u l-produzzjoni tagħhom;
- 2. Jinnota li l-produzzjoni ta' kwalunkwe tip ta' vaċċin, iżda speċjalment dawg ibbażati fuq it-teknoloġija mRNA, tirrikjedi kapaċitajiet avvanzati, u li l-produzzjoni tal-vaċċini hija proċess kumpless ħafna li jinvolvi eluf ta' passi ta' produzzjoni u għadd kbir ta' privattivi, kif ukoll taħlita kumplessa ta' materja prima u komponenti li ġejjin minn diversi pajjiżi; jisħaq li l-privattivi jkopru biss parti mill-ġharfien meħtieġ biex jiġu prodotti vaċċini sikuri u effiċjenti u li t-tneħħija tal-privattivi ma tippermettix lill-produtturi minn partijiet oħra tad-dinja li jiksbu l-ġharfien espert meħtieġ b'mod awtomatiku; għalhekk iqis li l-liċenzji volontarji huma l-aktar strument effettiv biex jiffaċilita l-espansjoni tal-produzzjoni u l-kondiviżjoni tal-ġharfien espert; ifakkar fil-fatt li diversi membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) għadhom ma implimentawx l-emendi tal-Ftehim dwar id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Relatati mal-Kummerċ (il-Ftehim TRIPS) dwar il-liċenzji obligatorji għall-esportazzjoni u li skont il-forma li jieħdu dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali, il-proċessi jistgħu jkunu twal ħafna u jista' jkun hemm lok għal tiġib; ifakkar ukoll li ma hemm l-ebda trasferiment awtomatiku tal-ġharfien espert assoċjat tul il-katina tal-provvista;
- 3. Jenfasizza li l-pajjiżi l-anqas żviluppati diġà jgawdu deroga, mogħtija sal-1 ta' Jannar 2023, dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS dwar il-farmaċewtiċi, kif ukoll deroga, mogħtija sal-1 ta' Lulju 2021, u li l-estensjoni tagħhom qed tiġi diskussa bħalissa, li teżenta lill-pajjiżi l-anqas żviluppati mill-obbligi kollha tal-Ftehim TRIPS ħlief għall-Artikoli 3, 4 u 5; jinnota n-nuqqas ta' impatt ta' dawn id-derogi fuq il-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, inklużi dawg li għandhom kapaċità ta' manifattura għall-farmaċewtiċi;
- 4. Jinnota li l-protezzjoni tal-privattivi u protezzjonijiet oħrajn tal-proprietà intellettuali jiżguraw ippremjari u salvagwardji ekwitabbli għat-teħid ta' riskju intraprenditorjali u jinċentivaw riċerka ta' livell għoli; jinnota li dawn il-protezzjonijiet huma l-bażi għal

ftehimiet għall-ħruġ ta' liċenzji u trasferiment tal-għarfien espert volontarji u għalhekk jippermettu aktar milli jostakolaw id-disponibbiltà tal-vaċċini; iwissi li taħt paradigma ta' nuqqas ta' infurzar għall-privattivi, il-kumpaniji jkollhom jirrikorru għas-segretezza jew l-esklussività biex jiproteġu l-innovazzjonijiet tagħhom; jissottolinja t-treddida li deroga mill-Ftehim TRIPS tista' toħloq riskju għall-finanzjament tar-riċerka, b'mod partikolari għar-riċerkaturi, l-investituri, l-iżviluppaturi u l-provi kliniċi; jenfasizza li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, hija obbligu kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha;

5. Ifakkar fil-fatt li l-UE għadha fornitur ewlieni tal-vaċċini madwar id-dinja, billi esportat nofs il-produzzjoni tagħha lejn aktar minn 110 pajjiżi; jinnota b'dispaċir li ekonomiji industrijali avvanzati oħra, b'mod partikolari l-Istati Uniti, ma ssodisfawx is-sehem tagħhom fir-responsabbiltà li jiżguraw aċċess globali u ekwu għall-vaċċini;
6. Huwa tal-fehma li l-aktar mod effettiv biex tiġi miġġielda l-pandemija huwa li titħaffef il-produzzjoni globali tal-vaċċini u li tiġi żgurata disponibbiltà aktar mgħaġġla, usa' u bi prezz baxx, b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet vulnerabbli f'pajjiżi bi dħul baxx u medju; jistieden lill-UE u lill-membri kollha tad-WTO biex għalhekk jopponu l-mozzjoni għal deroga temporanja tal-Ftehim TRIPS, kif ukoll il-mozzjoni riveduta mressqa mill-Indja u l-Afrika t'Isfel, peress li pass bħal dan ma jżidx id-disponibbiltà tal-vaċċini kontra l-COVID-19, iżda minflok jiddiżinċentiva aktar ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien espert fil-ġejjieni; jilqa' l-isforzi magħmula mid-Direttur Ġenerali tad-WTO biex jipperswadi lill-membri biex isegwu soluzzjoni bbażata fuq id-djalogu, kif ukoll il-proposti mħabbra tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward; minflok jipproponi li jittieħdu l-passi li ġejjin:
  - Jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha eżistenti de facto u de jure fuq l-esportazzjonijiet fuq il-vaċċini u materja prima fil-ktajjen tal-provvista, minbarra mekkaniżmi mfassla biex itejbu t-trasparenza,
  - Jiġu pprovduti b'mod urġenti inċentivi finanzjarji u tiġi appoġġjata ż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni għall-vaċċini, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
  - Jiġu inċentivati ftehimiet għall-ħruġ ta' liċenzji volontarji u trasferimenti volontarji tat-teknoloġija u l-għarfien espert lil pajjiżi b'industriji li jimmanifatturaw il-vaċċini li kienu jeżistu minn qabel u jiġi mniedi djalogu dwar l-ostakli eżistenti għal-liċenzjar volontarju u kif dawn jingħelbu,
  - Jiżdied b'mod sostanzjali l-għadd ta' dożi ta' vaċċin ipprovduti permezz tal-faċilità COVAX;
7. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta tat-'tiolet mod' fil-bidu ta' Ġunju lid-WTO li tiffoka fuq tliet pilastri kumplimentari: il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-miżuri kontra r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-espansjoni tal-produzzjoni, inkluż permezz ta' wegħdiet mill-manifatturi u l-iżviluppaturi tal-vaċċini, u l-kjarifika u l-faċilitazzjoni tal-flessibilitajiet tal-Ftehim TRIPS relatati mal-liċenzji obbligatorji; jilqa' t-tneđija mill-Kummissjoni tal-inizjattiva ewlenija Tim Ewropa biex tgħin biex tiżdied il-manifattura tal-vaċċini fl-Afrika billi tipprowdi appoġġ finanzjarju lill-hubs reġjonali tal-manifattura;

8. Jinnota li l-UE hija donatur ewlieni għall-Faċilità COVAX f'termini ta' finanzjament u ta' kondivizzjoni tal-vaċċini, kemm permezz tal-COVAX kif ukoll permezz ta' livell bilaterali; jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenn ta' Tim Ewropa li tagħti 100 miljun doża lill-pajjiżi bi dħul baxx u medju sal-aħħar tas-sena, u jilqa' l-ftehim mal-manifatturi tal-vaċċini li jipprovdu 1.3 biljun doża ta' vaċċin fl-2021 bi prezz baxx għall-pajjiżi bi dħul medju u mingħajr ebda profitt għall-pajjiżi bi dħul baxx;
9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jitgħallmu mill-pandemija biex iżidu t-tnejn tagħhom għal kriżijiet futuri tas-saħħa; għalhekk jistedinhom biex jipprovdu aktar appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lil dawk mhux tal-UE għal-loġistika u l-ktajjen tad-distribuzzjoni tal-vaċċini; jirrikonoxxi l-limitazzjonijiet bħan-nuqqas ta' infrastruttura ta' tkessiħ, kanali tad-distribuzzjoni u persunal ikkwalifikat, ostakli għall-ilħuq ġeografiku u soċjoekonomiku u l-eżitazzjoni għat-tilqim; jistieden lill-UE tintensifika d-diskussjonijiet mal-membri tal-Faċilità COVAX dwar dan is-suġġett; jilqa', f'dan ir-rigward, l-enfasi tad-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-G20 fuq iż-żieda fit-tnejn biex jiġi evitat li wieħed jerġa' jinqabad minn emerġenza tas-saħħa globali;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.